MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Numru 152/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Noel Galea**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Noel Galea iben Peter u Carmen nee' Mizzi imwieled Pieta' nhar it-18 ta' Dicembru 1980 u residenti no. 7, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala u

detentur tal-karta tal-identita' numru 23881 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-14 ta' Frar 2008, ghall-habta ta' 01:00hrs gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-windscreen ta' vettura bin-numru IBI329 ta' ghamla Hyundai Getz, liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ekwivalenti ghal hamsin lira Maltin (Lm 50) u anqas minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin ewro (€1164.69) ghad-dannu ta' Graziella Debono detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 233185 (M) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Nhar l-14 ta' Frar 2008, ghall-habta ta' 01 :15hrs gewwa Triq Patri Wistin Born, Marsaskala volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-bieb tar-residenza bin-numru 7, liema hsara hija inqas minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta' Graziella Debono detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 233185(M) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Graziella Debono detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 233185 (M) u kkagunalha griehi ta' natura hafifa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Frar 2008 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jgu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2008 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li meta xehdet fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2008 il-part civili Graziella Debono ddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u li kienet hafritlu ghal dak li kien gara.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala' bejn l-imputat u t-tfajla tieghu Graziella Debono fl-14 ta' Frar 2008 ghall-habta tas-1.00am fi Triq Patri Wistin Born, Marsascala fejn l-imputat allegatament ikkaguna hsara fil-windscreen tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBI 329 prpopjeta' tal-imsemmija Graziella Debono kif ukoll hsara fil-bieb tar-residenza taghha u kkagunalha griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna taghha. Mill-provi rrizulta li l-Pulizjia marret fuq il-post ghaliex irceviet telefonata anonima fejn inghatat informazzjoni dwar il-glieda u meta l-Pulizjia marru fuq il-post sabu l-imsemmija vettura ipparkjata f'nofs it-triq bil-windscreen imkisser u setghu jaraw li hgiega tal-bieb tal-aluminium tal-fond numru 7, fi Triq Patri Wistin Born, Marsacala kien miksur. L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 13 tal-process) l-ghada tal-incident, u cioe' fil-15 ta' Frar 2008, fejn huwa ammetta li kien ikkaguna il-hsara fil-propjeta' ta' Graziella Debono u li kellu argument mal-istess Graziella Debono.

Kif diga' inghad aktar il-fuq il-parti civili Graziella Debono irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara il-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda ir-raba' akkuza.

In kwantu jirrigwarda l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat dawn lkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi stante li kif diga’ intqal aktar il-fuq mill-istess stqarrija tal-imputat jirrizulta li huwa ammetta li kien inqala’ incident bejnu u bejn Graziella Debono u li huwa kien ikkaguna hsara fil-windscreen tal-vettura taghha u fil-bieb tal-propjeta’ taghha. Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li si trattava ta’ incident tista’ tghid familjari stante li l-imputat u Graziella Debono ghandhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni hemm wild, kif ukoll il-fatt li l-parti civili rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u hafritlu ghal dak li kien gara, il-fatt li l-imputat hallas ghat-tiswijiet in kwantu jirrigwarda l-hsarat li kkaguna fil-propjeta’ tal-imputata u l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum. Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili Graziella Debono l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda it-tielet akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------